MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**Mistoqsija u Tweġiba rigward l-investigazzjoni tal-mod kif inbiegħ il-*La Valette Multi Manager Property Fund***

## Introduzzjoni

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) ħarġet diversi stqarrijiet lill-midja fejn ġew spjegati l-miżuri li ttieħdu mill-MFSA dwar il-bejgħ tal-La Valette Multi Manager Property Fund mill-Bank of Valletta. Diversi persuna talbu aktar informazzjoni dwar xi aspetti tad-deċiżjonijiet li ħadet l-MFSA.

Dan id-dokument jiġbor flimkien dawn il-mistoqsijiet, jiċċara aspetti tal-miżuri li ħadet l-MFSA, u għandu l-għan li jkun utli għal kull min għandu nteress. Għaldaqstant qed jiġi aġġornat dan Q + A fid-dawl tal-aħħar żviluppi.

## 1. Ġiet konkluża l-investigazzjoni dwar BOV?

L-investigazzjoni tal MFSA dwar il-prattiċi ta' bejgħ li wżaw il BOV u s-sussidjarji tiegħu meta biegħu ishma fil-LVMMPF intemmet fl-1 ta' Ġunju 2012. L-investigazzjoni kkonkludiet li, f'bosta każijiet, il-BOV naqas milli jaġixxi fl-aħjar interess tal-investituri, kif meħtieġ mil-qafas regolatorju applikabbli. Il-BOV intalab iħallas il-multa massima ta Ewro 203,150, kif tipprovdi l-liġi, talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja meta biegħ ishma fil-LVMMPF lill-klijenti tiegħu.

Fl-istess waqt, l-MFSA ħarġet Direttiva li titlob lill-BOV jikkoopera fir-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti minn ditta ndipendenti li tipprovdi servizzi professjonali. Ir-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti kienet maħsuba biex tidentifika liema nvestituri kienu ntitolati għal kumpens skont it-termini tad-Direttiva. Dawk l-investituri issa rċevew dan il-kumpens.

## 2. Liema proċess segwiet l-MFSA biex tagħżel id-ditta ndipendenti għal servizzi professjonali ? Għaliex intagħżet Mazars ?

L-għan prinċipali tal-proċess ta' għażla kien li jiġi żgurat li d-ditta ta' servizzi professjonali li tingħażel tkun biżżejjed esperta u tassew indipendenti. Kien importanti li din id-ditta la tkun tat parir lill-BOV, u lanqas li kienet involuta fil-bejgħ tal-LVMMPF. Wara li l-Awtoritá ħabbret il-ħsieb li taħtar ditta bħal din, numru ta' ditti avviċinaw il-MFSA biex joffru s-servizzi tagħhom, u l-MFSA avviċinat numru ta' ditti oħra. Xi ditti ma setgħux jintgħażlu minħabba li seta' jkun hemm konflitt ta' interess. L-għażla finali saret fuq il-bażi ta' proposti li ntbagħtu minn ditti bi tweġiba għal kundizzjonijiet imfassla mill-Awtoritá dwar ta' kif kellu jsir il-proċess ta' reviżjoni tal-fajls.

Il-proposta ta' Mazars offriet l-aħjar taħlita ta' kompetenza, prezz raġonevoli u ndipendenza. Mazars hija ditta nternazzjonali li toffri servizzi professjonali, b'uffiċċji f'69 pajjiż differenti. L-uffiċċju li għandha Mazars f'Malta kien responsabbli għar-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti, mgħejjun minn esperti fl-uffiċċji tar-Renju Unit u Pariġi tal-istess ditta.

**3. X'kien l-għan tar-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti?**

Ir-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti, li saret fl-uffiċċji tal-BOV, uriet liema nvestituri li ngħataw parir dwar il-LVMMPF ma kienux jikkwalifikaw bħala nvestituri ta' esperjenza, kif definit fil-prospett supplimentari tal-LVMMPF. Fi kliem ieħor, uriet dawk l-investituri li sew mill-fact find, kif ukoll mit-transazzjonijiet jew dokumentazzjoni oħra li kellu l-BOV ma kienux jikkwalifikaw bħala investituri ta' esperjenza kif definit fil-prospett. Dawk il-klijenti kollha li ingħataw parir dwar il-LVMMPF u li ma kienux investituri ta' esperjenza meta sar l-investiment kellhom dritt għall-kumpens.

**4. Min se jħallas għar-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti?**

L-MFSA ordna lill-BOV jħallas l-ispejjeż kollha marbuta mar-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti li għamlet Mazars.

**5. Meta tlestiet ir-reviżjoni tal-fajls?**

Mazars ingħatat struzzjonijiet mill-MFSA biex tlesti r-reviżjoni u tħejji r-Rapport sa tmiem l-2012. L-MFSA rċeviet ir-Rapport tal-Espert Indipendenti minn Mazars fil-21 ta' Diċembru, 2012. Ir-Rapport tal-Espert Indipendenti jinkludi lista ta' nies li, mill-evidenza disponibbli għal Mazars, ma kienux investituri ta' esperjenza meta nvestew fil-LVMMPF. Dawn in-nies għandhom dritt għal kumpens mill-BOV.

Il-lista ta' investituri ntitolati għal kumpens intbagħtet lill-BOV fl-4 ta' Jannar, 2013. Meta din il-lista ntbagħtet lill-Bank, kien indikat li l-Awtorità kienet tistenna li l-proċess tal-ħlas tal-kumpens addizzjonali jibda mill-aktar fis possibbli. Hekk kif irċieva l-lista mill-MFSA, il-BOV beda l-proċess tar-rikonċiljazzjoni tad-dokumenti. Dan wassal biex ġew identifikati xi fajls oħra li riedu jiġu eżaminati. Il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-dokumenti u, l-aġġornament tar-Rapport minn Mazars tlestew u l-ħlasijiet lill-investituri ntitolati għall-kumpens mill-BOV nbdew fil-21 ta' Jannar, 2013.

**6. X'inhu klijent li jingħata parir? X'inhi d-differenza bejn klijent li jingħata parir u ieħor li jinvesti "execution only"?**

Klijent li jingħata parir ikun ħallas għal, jew irċieva, parir dwar investiment minn individwu awtorizzat. Tranżazzjonijiet li jsiru "execution only" huma dawk li jsiru mingħajr ma jingħata parir. Seta' kien hemm xi kuntatt bejn id-ditta u l-klijent qabel ma sar l-investiment, iżda dan mhux neċessarjament jikkostitwixxi parir. Madankollu, meta ssir tranżazzjoni "execution

only", id-dokumenti għandhom juru biċ-ċar li tranżazzjoni saret fuq bażi ta' "execution only" u mhux fuq parir.

**7. Jien kont jew stajt kont klijent "execution only". Għandi dritt għal kumpens?**

Mazars raw il-fajls kollha tal-klijenti tal-BOV li investew fil-LVMMPF. Fejn it-transazzjoni kienet ikkaratterizzata bħala tranżazzjoni "execution only", Mazars eżaminaw id-dokumentazzjoni rilevanti u kkontrollaw li din kienet imtliet korrettament. Jekk id-dokumenti ma tlestewx kif meħtieġ, dik it-tranżazzjoni ma ġietx meqjusa li saret "execution only". Dik it-tranżazzjoni ġiet meqjusa li saret għal klijent li ingħata parir, u saret analiżi dwar jekk il-klijent kienx investitur ta' esperjenza jew le. Fejn ma kienx hemm informazzjoni biżżejjed biex turi li l-klijent kien investitur ta' esperjenza, allura dak il-klijent kien ikkunsidrat li għandu jingħata kumpens addizzjonali mill-BOV.

Jekk id-dokumentazzjoni kienet mimlija sew allura t-tranżazzjoni ġiet meqjusa bħala tranżazzjoni "execution only". Id-dokumentazzjoni kienet tinkludi dikjarazzjoni li klijent huwa nvestitur ta' esperjenza. Meta d-dokumentazzjoni ta' investitur ta' esperjenza tkun imtliet kif suppost, l-investitur ikun iddikjara li hu investitur ta' esperjenza. Għaldaqstant, dawn ma jkunux intitolati għal kumpens skont id-Direttiva tal-MFSA.

**8. X'inhu l-ammont ta' kumpens?**

L-investituri li ma kienux eliġibbli biex jinvestu fil-LVMMPF, kif identifikat mir-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti tal-BOV, huma eliġibbli għal kumpens ta' ammont ta' €1 għal kull sehem, li minnu jitnaqqas kull kumpens li jkun diġà rċevew mill-BOV. Dan il-kumpens addizzjonali għandu jasal għand kull investitur eliġibbli mingħajr tnaqqis jew ħlasijiet.

**9. Kif inkun naf jekk jiena hux se nirċievi kumpens?**

Il-BOV ikkredita l-klijenti kollha bil-kumpens dovut fil-21/22 Jannar, 2013 . Meta l-kreditu kien għal ġo kont miżmum ma' banek oħra, jista' jgħaddi ftit żmien qabel ma jidher li daħal il-kreditu fil-kont.

Il-BOV ħareġ wkoll ittri lill-klijenti kollha, fejn jispjega jekk dawn ġewx meqjusa bhala "execution only", investituri ta' esperjenza jew investituri li ma jikkwalifikawx bħala investituri ta' esperjenza. Jista' jkun li xi klijenti jitqiesu b'mod differenti għal tranżazzjonijiet differenti (eż. ikunu ġew irreġistrati sewwa bħala "execution only" għal tranżazzjoni waħda iżda li ma jikkwalifikawx bħala investituri ta' esperjenza għal tranżazzjoni oħra).

**10. Jiena xtrajt unitajiet fil-fond permezz ta' intermedjarju ieħor. Il-fajl tiegħi ġie eżaminat minn Mazars? Għandi dritt għal kumpens ?**

Id-Direttiva maħruġa mill-MFSA tolqot biss lill-BOV u l-bejgħ lill-klijenti tal-BOV mill-BOV. L-uniċi fajls li ġew riveduti minn Mazars kienu fajls tal-klijenti tal-BOV. Kull min

xtara permezz ta’ intermedjarju ieħor jista' jressaq talba kontra dik id-ditta jekk l-investitur kien ingħata parir u ma kienx investitur ta’ esperjenza kif definit fil-prospett. Investituri li kinux investituri ta’ esperjenza, u li kienu klijenti li ingħataw parir, għandhom iressqu lment lid-ditta li biegħet l-unitajiet lilhom u, jekk ma jaqblux mad-deċiżjoni tal-kumpanija, jistgħu iressqu lment mal-*Manager* tal-Ilmenti tal-Konsumaturi tal-MFSA.

**11. Il-listi ta' investituri li eżaminat Mazars se jkunu ppubblikati?**

Ikun żbaljat li tinkiser il-kunfidenzjalità tal-klijent kollha tal-BOV li investew fil-LVMMPF. Il-listi ta' nvestituri u d-deċiżjoni ta’ Mazars dwar is-sitwazzjoni tagħhom mhux se jkunu ppubblikati. Madankollu, il-parti ta' quddiem tar-rapport Mazars ġiet pubblikatha u din tinkludi xi dettalji tal-valutazzjoni li għamlet.

**12. X'inhi d-definizzjoni ta' investitur ta’ esperjenza?**

Id-definizzjoni ta' investitur ta’ esperjenza kienet stabbilita fil-prospett rilevanti u tbiddlet kemm ilu liċenzjat il-LVMMPF. Għaldaqstant, id-definizzjoni tiddependi mill-prospett li kien validu meta sar investiment. Id-definizzjoni fil-prospett ta’ Diċembru 2006 kienet tgħid hekk:

Investituri ta' esperjenza huma dawk il-persuni li għandhom il-kompetenza, l-esperjenza u l-għarfien li jkunu f'qagħda li jieħdu deċiżjonijiet dwar investimenti għalihom infushom u jifhmu r-riskji involuti.

Investitur għandu jiddikjara l-bażi li fuqha hu / hi tissodisfa din id-definizzjoni, jew billi tikkonferma li huwa / hija:

1. persuna li tkun ħadmet fis-settur tas-servizzi finanzjarji għal mill-inqas sena f'kariga professjonali, jew,

2. persuna li tkun ilha attiva għal mill-inqas sena f'kariga professjonali, fl-akkwist u / jew fidi ta' fondi ta’ proprjetà immobbli u / jew f'titoli marbuta ma’ proprjetà immobbli, jew,

3. persuna li, fl-aħħar 5 snin, għamlet tranżazzjonijiet ta' investimenti li jammontaw għal mill-inqas USD50, 000 jew l-ekwivalenti.

Fil-każ ta' żewġ Applikanti flimkien, l-Applikanti kellhom jew:

(i) investew separatament, fl-aħħar 5 snin, tranżazzjonijiet ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas is-somma jew l-ekwivalenti ta’ USD50, 000, f'liema każ kull applikant kellu jissoddisfa l-kriterji ta’ investitur ta’ esperjenza, jew,

(ii) investew flimkien, fl-aħħar 5 snin, tranżazzjonijiet ta’ investimenti mwettqa konġuntament, fl-aħħar 5 snin, transazzjonijiet ta 'investiment li jammontaw għal mill-inqas is-somma jew l-ekwivalenti ta’ USD50, 000, f’liema każ, sakemm kienu l-istess applikanti flimkien, kienu jissoddisfaw il-kriterji ta’ investitur ta’ esperjenza b’mod konġunt.

**13. Il-Fond ingħalaq b'riżultat tal-investigazzjoni?**

Teknikament, il-LVMMPF għadu miftuħ għas-sottoskrizzjonijiet (i.e. investituri għadhom jistgħu jixtru unitajiet fil-fond), għaliex il-fond qed jinżamm miftuh għal raġunijiet legali li jolqtu azzjonisti oħra minbarra l-BOV (li għandu malt-98% tal-ishma). Valletta Fund Services, bħala l-amministratur, għandu d-dritt jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni għall-akkwist ta' ishma fil-LVMMPF. L-MFSA tistenna li, f'dan l-istadju, ma tintlaqa' ebda applikazzjoni, u rċeviet konferma f'dan is-sens mingħand VFM.

**14. Jekk BOV u VFM ġew immultati għall-ksur tad-restrizzjoni ta' investiment, għaliex il-prospett għadu validu?**

BOV u VFM kienu mmultati rispettivament għall-monitoraġġ żbaljat u l-applikazzjoni ħażina tar-restrizzjonijiet dwar investiment li jinstabu fil-prospett. Il-multi imposti fuq BOV u VFM, għaldaqstant, m'għandhom ebda effett dirett fuq il-validità tal-prospett attwali maħruġ mill-Iskema.

**15. Il-BOV appella kontra d-Direttiva tal-MFSA?**

Iva, il-BOV appella kontra d-Direttiva li ordnat lill-Bank sabiex jikkoopera fir-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti u jħallas kumpens lil dawk il-klijenti li ingħataw parir u li ma kienux investituri ta' esperjenza meta sar l-investiment. L-appell bħalissa qed jinstema mit-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji. Il-BOV xorta waħda obbligat jobdi d-Direttiva sakemm it-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji jiddeċiedi dwar il-mertu tal-appell tal-BOV.

**16. Għaliex għadda tant żmien sakemm ġiet konkluża l-investigazzjoni?**

Meta l-MFSA qed tikkunsidra tieħu kwalunkwe azzjoni regolatorja kontra min għandu liċenzja, huwa importanti li tagħmel dan biss wara li jkollha fatti biżżejjed li juru biċ-ċar li hemm ksur tar-regoli jew li jkun ġie kommess xi reat ieħor. Minħabba l-gravità tal-allegat ksur f'dan il-każ, il-proċess ta' investigazzjoni involva serje twila ta' intervisti u korrispondenza bejn l-MFSA, il-BOV u partijiet oħra nvoluti, inkluż l-impjegati tal-BOV u investituri fil-LVMMPF. Dan il-proċess twil iżda vitali kien meħtieġ sabiex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa li wasslet l-MFSA għal deċiżjoni nformata tajjeb li tkun ukoll ġiet diskussa u eżaminata bir-re qqa internament.

Kwalunkwe proposta għal azzjoni regolatorja hija wkoll suġġetta għal skrutinju rigoruż mill-Kunsill ta' Sorveljanza tal-MFSA, li hu kompost mid-Diretturi tal-oqsma regolatorji fi ħdan l-MFSA u li kien responsabbli għall-ħruġ tad-deċiżjoni finali dwar l-investigazzjonijiet dwar il-LVMMPF. Id-deċiżjonijiet tal-MFSA huma wkoll suġġetti għal appell.

L-MFSA taġixxi b'mod indipendenti minn kull indħil u pressjoni, ġej minn fejn ġej, u b'konformità mal-liġijiet li jirregolaw l-operat tagħha. Madankollu, hija tagħmel dak kollu

possibbli biex tiżgura li l-proċessi u d-deċiżjonijiet tagħha jkunu konformi mal-liġi u mal-aħjar prattiċi regolatorji, suġġetti għal skrutinju ġudizzjarju.

Din li ġejja hija lista ta' tqassir użat f'dan il-Q + A.

| **Terminu** | **Tqassir** |
|---|---|
| Bank of Valletta plc | 'BOV' |
| La Valette Funds SICAV plc | 'the Scheme' |
| La Valette Multi Manager Property Fund | 'LVMMPF' |
| Malta Financial Services Authority | 'MFSA' |
| Valletta Fund Management Limited | 'VFM' |

Ċaħda: Dawn il-mistoqsijiet u tweġibiet huma maħsuna biex jiggwidaw u jantiċipaw domandi tal-qarrejja. Filwaqt li l-MFSA tagħmel dak kollu possibbli biex tiżgura li l-informazzjoni f'dan id-dokument hija korretta, ma tistax tagħti ebda garanzija, espressa jew impliċita, dwar l-eżattezza tagħha, lanqas ma taċċetta ebda responsabbiltà għal żbalji jew omissjonijiet.